MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2011

Numru 351/2002

Il-Pulizija
(Spettur Alexandra Mamo)

vs

Charles Borg

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 617654M, akkuzat talli, f' dawn il-Gzejjer, f'dawn l-ahhar snin, b'diversi atti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

- Appropja ruhu billi dawwart bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu, fil-kapacita tieghu bhala wihed mid-diretturi tal-kumpanija Aluminium Extrusions Ltd; taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu

minnha specifikat u cioè appropja ruhu minn flejjes migbura bhala VAT mill-kumpanija Aluminium Extrusions Ltd; liema flejjes jammontaw ghas-somma ta’ aktar minn LM 10,000, liema flejjes jappartjenu lil Gvern ta’ Malta u persuna ohra, u li kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbigu tar-radd jew li jsir uzu specifikat u dan minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu neccessarju, bi ksur ta’ l-Artikolu 293 u 294 tal-kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens tal- Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-imputazzjoni kontestata lill-imputat tirreferi ghan-nuqqas tas-socjeta’ kummercjali Aluminium Extrusions Limited li taghha l-imputat hu jew kien direttur, li jrodd lid-Dipartiment tal-VAT flejjes migbura bhala VAT mis-socjeta’.

Il-Qorti derilha li tikkoncedi zmien biex l-imputat ghal beneficju tieghu u tas-socjeta’ minnu rapprezentata jhallas kull import dovut.

Fuq l-iskorta ta’ verbal tal-lum l-ammont dovut gie saldat fl-intier.

Rat l-Artikolu 293 u 294 tal-Kap 9.

Tiddikjara l-imputat hati. Tiddecidi li tapplika l-Artikolu 22 tal-Kap 446 u tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall- perjodu ta’ tlett xhur mill-lum.

Spiegat lill-imputat r-responsabilitajiet tieghu skond is-sentenza.

AM Trigona
Magistrat

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------